MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Mandat Numru. 854/2014/1

**GAFA SAVEWAYS LIMITED** (C-15908)

vs

**ID-DIRETTUR ĠENERALI TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-6 ta’ Ġunju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti żżomm lill-intimati milli “bi kwalsijasi mod tieħu xi azzjoni li teskludi lis-soċjeta’ rikorrenti milli tkompli tipparteċipa fi proċess ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi fi ħdan setturi pubbliċi jew Governattivi”;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta’ Ġunju, 2014, li bih laqgħet b’mod provviżorju t-talba tal-kumpannija rikorrenti, ordnat in-notifika lill-intimati b’għaxart (10) ijiem għat-tweġiba, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-26 ta’ Ġunju, 2014;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-13 ta’ Ġunju, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, opponew għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi qalu li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub. B’mod partikolari, qalu li l-egħmil li l-istess kumpannija rikorrenti talbet li jitwaqqaf laħaq twettaq qabel ma fetħet din il-proċedura u għalhekk din il-Qorti ma għandhiex x’tilqa’ ladarba l-mertu huwa eżawrit. Jgħidu wkoll li r-rimedju li l-kumpannija rikorrenti messha ħadet kien wieħed ieħor u mhux tinqeda bil-proċedura tal-ħruġ tal-mandat. F’kull każ, it-talba ma tistax tintlaqa’ għaliex il-preġudizzju li jiġġarrab jekk kemm-il darba l-Mandat jinħareġ ikun akbar għall-amministrazzjoni pubblika milli dak li jiġġarrab mill-kumpannija rikorrenti li kieku t-talba tagħha ma tintlaqax;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-intimati waqt is-smigħ tas-26 ta’ Ġunju, 2014, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, minkejja li fiha tennew ukoll li dak li ntalbu jinżammu milli jkomplu jwettqu kien intemm;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet waqt is-smigħ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2014, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-kumpannija rikorrenti qiegħda titlob biex l-intimati jinżammu milli b'xi mod iżommuha milli titħalla tieħu sehem fi proċess ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi jew sejħat għall-offerti li jsiru fil-qasam pubbliku jew governattiv;

Tqis li l-kumpannija rikorrenti hija mdaħħla fil-qasam tal-għoti ta' servizzi ta' tindif ta' postijiet pubbliċi;

Tqis li b'avviż mibgħut lilha mill-intimat Direttur Ġenerali fit-3 ta' April, 2014[1], il-kumpannija rikorrenti kienet mgħarrfa li l-istess Dipartiment

[1] Dokti "DK1" u "EG1", f'paġġ. 19 u 27 tal-atti

intimat kellu l-ħsieb li jeskludiha milli tieħu kuntratti pubbliċi għal sentejn b'seħħ mit-18 ta' Frar, 2014, fuq il-bażi li kienet instabet ħtija dwar akkużi ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-impieg bis-saħħa ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Frar, 2014. Qal li kien fi ħsiebu jieħu dik il-miżura bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-artikolu 10.1 tal-Kundizzjonijiet Ġenerali;

Tqis li l-imsemmija sentenza kienet ingħatat fi proċediment meħud kontra Antonia Gafa', Paulette Gafa' u Dominic Gafa' u meta l-istess imputati ma kenux dehru quddiem il-Qorti, minkejja li kienu laqgħu n-notifika tar-riferti[2];

Tqis li t-tliet imputati msemmija huma diretturi jew uffiċjali tal-kumpannija rikorrenti;

Tqis li d-Direttur Ġenerali intimat għarraf lill-kumpannija rikorrenti li kellha tletin (30) jum żmien minn mindu waslitilha l-ittra tiegħu biex tressaq sottomissjonijiet u argumenti kontra d-deċiżjoni li huwa kien fi ħsiebu jwettaq;

Tqis l-kumpannija rikorrenti kienet ressqet is-sottomissjonijiet tagħha lill-istess intimat b'ittra tas-16 ta' April, 2014[3], u talbet li tkun mgħarrfa bid-data tas-smigħ ħalli tkun tista' tagħmel is-sottomissjonijiet meħtieġa u min se' jkunu l-persuni li ser jiddeċiedu;

Tqis li fit-2 ta' Ġunju, 2014[4], l-intimat Direttur Ġenerali, fil-kwalita' tiegħu ta' Awtorita' Kontraenti, bagħat jgħarraf lill-kumpannija rikorrenti li ma kienx qed jilqa' s-sottomissjonijiet tagħha u li kien qiegħed jikkonferma d-deċiżjoni tiegħu li, b'seħħ minn dakinhar, ma tingħatax kuntratti pubbliċi ġodda għal żmien sentejn;

---

[2] Dok "EG2", f'paġ. 28 tal-atti
[3] Dok "DK2", f'paġ. 20 – 2 tal-atti
[4] Dok "DK3", f'paġġ. 23 – 4 tal-atti

Tqis li l-istess Direttur intimat, b'ittra ċirkolari tat-2 ta' Ġunju, 2014[5], bagħat jgħarraf bid-deċiżjoni meħuda minnu lis-Segretarji Permanenti, lid-Diretturi Ġenerali, lid-Diretturi (dipartimentali) u lill-Kapijiet tal-Organiżżazzjonijiet fis-Settur Pubbliku. Id-deċiżjoni tiegħu kienet tirreferi kemm għall-kumpannija rikorrenti u kif ukoll għal kumpannija oħra;

Tqis li fil-proċess li wassal għall-għoti tad-deċiżjoni tal-intimat Direttur Ġenerali, l-intimat Avukat Ġenerali (permezz ta' avukat mill-uffiċċju tiegħu) kien intalab u ta l-parir tiegħu[6];

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[7];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux waħda soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[8]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu

[5] Dok "DK4", f'paġ. 25 tal-atti
[6] Xhieda ta' Dr Franco Aġius 26.6.2014
[7] Art. 873(1) tal-Kap 12
[8] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[9];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[10]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-egħmil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[11] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għamil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis ukoll li, f'dan ir-rigward, il-liġi llum ma għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil, iżda dan għandu jitqies mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħruġ tal-Mandat;

---

[9] Art. 875(3) tal-Kap 12

[10] Ara, per eżempju, P.A. NC **11.3.2003** fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et***

[11] Art. 873(3) tal-Kap 12

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[12], disaġju jew tħassib;

Tqis li l-jedd *prima facie* li l-kumpannija rikorrenti tgħid li jeħtiġilha tħares bil-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub jikkonsisti fl-ilment tagħha li l-intimat ma sata' qatt sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq l-effetti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ladarba dik is-sentenza ma tiswiex. Hija tgħid li l-ebda sentenza ma tista' tingħata minn qorti ta' kompetenza kriminali meta l-parti imputata ma tkunx preżenti;

Tqis li, tajjeb jew ħażin, l-intimat Direttur Ġenerali tabilħaqq sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq is-saħħa tal-imsemmija sentenza u ngħata l-parir li sata' jagħmel hekk. Fis-sewwa, sallum l-imsemmija sentenza saret ġudikat u ma hemm l-ebda pronunzjament minn xi qorti oħra li tgħid ħaġa oħra. Minbarra dan, il-kumpannija rikorrenti għadha ma nedietx il-proċeduri li qalet li trid tagħmel biex tattakka s-siwi tal-imsemmija sentenza[13];

Tqis li din il-proċedura mhijiex l-għodda xierqa biex din il-Qorti tagħti l-fehma tagħha u la dwar is-siwi tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati u lanqas dwar jekk dik is-sentenza, li kellha tkun tiswa, tagħtix lill-kumpannija rikorrenti l-jedd mad-daqqa ta' għajn biex tattakka d-deċiżjoni tad-Direttur intimat;

Tqis għalhekk li dan l-element meħtieġ biex jista' jinħareġ il-Mandat ma ntweriex li jeżisti;

---

[12] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)

[13] Xhieda ta' Dr Edward Gatt 26.6.2014

Tqis li l-Qorti tista' tieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet tagħha, iżda jidher xieraq li tindirizza r-raġuni ewlenija miġjuba 'l quddiem mill-intimati biex jikkontestaw it-talba tal-kumpannija rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat. Kif ingħad, l-intimati jgħidu li l-Mandat ma jistax jinħareġ għaliex id-deċiżjoni tad-Direttur intimat kienet ittieħdet u saret finali sa minn qabel ma l-kumpannija rikorrenti kienet ressqet it-talba tagħha biex jinħareġ il-Mandat;

Tqis li ntwera mill-provi dokumentali li huwa minnu li d-deċiżjoni tad-Direttur intimat ittieħdet erbat ijiem qabel ma nbdiet din il-proċedura. Min-naħa tiegħu, l-għaref difensur tal-kumpannija rikorrrenti jgħid li l-għan wara t-talba għall-ħruġ tal-Mandat mhijiex biex jikkontesta d-deċiżjoni nnifisha, iżda biex l-effetti tad-deċiżjoni ma jinfirxux ma' terzi u b'hekk il-kumpannija rikorrenti tinżamm milli tikkonkorri f'sejħat pubbliċi għall-offerti li għadhom pendenti (issemma li l-kumpannija rikorrenti qiegħda bħalissa tikkonkorri f'madwar tmien sejħat oħrajn) jew li titlef il-kuntratti li diġa' kienet rebħet qabel dakinhar li ttieħdet id-deċiżjoni;

Tqis li, mill-provi u mis-sottomissjonijiet magħmula, id-deċiżjoni meħuda mid-Direttur intimat fit-2 ta' Ġunju, 2014, kienet imħabbra b'ittra ċirkolari dakinhar stess u l-istess Direttur ma kien sejjer jieħu l-ebda deċiżjoni oħra u lanqas kien għad fadallu jagħmel xi ħaġ'oħra biex jimplimentaha. Dan ifisser li, safejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret kontra ż-żewġ intimati, l-effetti tad-deċiżjoni meħuda intemmu mal-għoti tagħha;

Tqis li, lil hinn mill-kwestjoni tal-eventawli rimedju ġudizzjarju li l-kumpannija rikorrenti dejjem għandha f'każ li tabilħaqq joħroġ li d-deċiżjoni meħuda kienet waħda li, minħabba fiha, hija ġarrbet xi dannu jew ħsara, talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tistax tintlaqa' jekk kemm-il darba l-ħaġa li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf tkun fil-fatt diġa' saret jew ġrat. Dan għaliex l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[14]. F'każ bħal dan, jibqa' bla mittiefes kull jedd għat-teħid ta' kull rimedju

[14] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***

ieħor xieraq li jista' jintalab biex jagħmel tajjeb għal xi ħsara li r-rikorrenti tkun ġarrbet;

Tqis għalhekk li lanqas tirriżulta l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, għaliex il-proċedura li biha nqdiet il-kumpannija rikorrenti ma kinitx dik li messha ttieħdet fiċ-ċirkostanzi partikolari li jirrigwardaw l-iżvolġiment tal-każ;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tirrevoka *contrario imperio*** d-degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2014, safejn kienet intlaqgħet it-talba tagħha b'mod provviżorju;

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu, **bl-ispejjeż** kontra l-kumpannija rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------